**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Agius]**

**vs**

**Victor Fenech**

**Kumpilazzjoni Numru: 869/11**

**Illum, 12 ta' Ottubru, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Victor Fenech detentur tal-karta tal-identita` numru 362871(M).

Akkuzat talli:

> Nhar is-27 ta' Lulju 2011 ghal habta ta' 17.45hrs fil-klinika ta' Hal-Qormi, bil-hsieb li jikkommetti delitt u cioe` reat ta' serq ta' kartiera bil-flus minn fuq il-persuna ta' Dr Carmel Brincat MD liema attentat ta' serq jikwalifika bil-vjolenza u l-mezz meta hu ta l-impressjoni li kien armat, waqt li wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.
>
> Ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi bla ordni skont il-ligi ta' awtorita` kompetenti, u barra mil-kazijiet li fihom il-Ligi taghti setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta` taghha, jew ta post sabiex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, issekwestra lil Dr Carmel Brincat, ufficjal pubbliku, waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Ukoll talli sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi gew definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li bih din il-kawza setghu jinstemghu bi procedura sommarja;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat attentat ta' serq minn fuq persuna ta' tabib f'Hal Qormi nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju elfejn u hdax (2011) u fejn il-pulizija irnexxielha tkun fuq il-post ftit minuti wara u b'hekk setghu jaqbdu lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat. Fil-fatt irrizulta li meta iccirkondaw lill din il-persuna, dan kien l-imputat Victor Fenech. Illi mill-istqarrija tal-imputat ma hareg xejn ghaliex ghad-domandi kollha mistoqsija lilu, huwa ma wiegeb ghall-ebda wahda minnhom u sahansitra ma ffirmax ghall-istqarrija. Di piu`, l-imputat ghandu addebitat lilu r-recidiva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Xehed **PS 1240 Joseph Camilleri** li xehed fuq id-dinaminka tal-fatti kif graw u qal illi dak in-nhar kien mar l-ghassa Dr. Brincat u kien qallu li kienet giet persuna liebsa *tights* roza f'rasu u li din ikkmandatu sabiex ittih il-kartiera. Din

il-persuna kienet qed tipponta xi haga li kienet mghottija b'sarvetta, li din il-haga kienet tixbah hafna arma tan-nar. Illi meta Dr. Brincat stabbilixxa li din fil-fatt ma kienitx, huwa irrifjuta u beda' jigri warajh. Fil-girja, din il-persuna nehhiet il-kalzetta u fit-triq gharfitu mara li qalet li din il-persuna kienu jsejjhulha il-"Kito" minn Hal-Qormi.

Dan ix-xhud kompla jghid illi mar jaghmel ronda mat-tabib u hemmhekk ra persuna li kien il-Kito u meta rah it-tabib gharfu mill-hwejjeg u anke` mill-fattizzi partikolari li ghandu l-imputat.

Xehed ukoll **Dr. Carmel Brincat** illi kien l-allegat vittma ta' dan ir-reat u hu jispjega li kien il-klinika tieghu jaghmel xi karti fejn fil-pront jigi ragel b'kalzetta go rasu u beda jghidlu biex itih il-kartiera. Huwa jispjega li dan kellu xi haga li tixbah arma f'idejh li din kienet mghottija b'sarvetta u jghid:

***"Jien dak il-hin gharaftu, allavolja bil-kalzetta, ghaliex nafu, gharaftu li jkun fil-pjazza ta' San Bastjan, fejn il-hwienet. U minn lehnu. U nharislu lejn idejh u qed intella' u nnizzel, ghadni xorta bil-eh, mahsud jekk hix arma jew le, u staqsejtu xi erba' hames, xi erba' darbiet x'irrid intih, x'intih, u dejjem jghidli, "Il-kartiera!" "***.

Ix-xhud jghid li fil-kartiera kellu xi mija u hamsin Ewro (EUR150), *credit cards*, licenzja tal-karrozza u dokumenti ohra. Jghid ukoll illi mill-impressjoni li kellu, l-aggressur kellu fuqu anke trabixu izda xorta wahda ddecieda li jaffrontah u

filwaqt illi tajjar kollox minn fuq l-iskrivanija qallu li ma kien ser itih xejn u fil-pront l-aggressur hareg jigri 'l barra u t-tabib hareg warajh. Huwa jghid li f'xi hin nehha il-kalzetta u hemmhekk li ratu u gharfitu bhala l-Kito, mara li kienet ghaddejja mit-triq.

Xehdet ukoll **Rita Ciantar** li kienet dak il-hin meta hareg l-aggressur mill-ufficcju tat-tabib u tghid illi gharfet lil din il-persuna bhala l-imputat appena dan nehha l-kalzetta minn go rasu. Hija tghid illi ommu toqghod warajhom u li jismu Victor.

Xehdet ukoll omm ix-xhud precedenti u cioe` **Antonia Ciantar** illi wkoll kienet mat-tifla taghha f'dak il-mument, u bhal bintha gharfet lill-imputat bhala dik il-persuna li harget mill-ufficcju tat-tabib dak il-hin u ftit sekondi wara hareg it-tabib jghajjat ghaliex kien ser jisirqu. Hija kkonfermat li dan ir-ragel jghidulu il-Kito.

Illi rat is-sentenzi a rigward l-addebitu tar-recidiva fejn ghalkemm f'wahda minnhom ma hemmx il-konnotati tal-imputat, izda fl-ohrajn kollha il-konnotati tal-imputat qeghdin hemm u jikkombacjaw perfettament ma dawk fl-akkuzi odjerni.

Rat ir-rapporti bil-gurament tal-espert nominata minn din il-Qorti u cioe` ta' **Dr Marisa Cassar** (Dok MC1) fejn wara li gie elevat it-*tights* esebit f'dawn l-atti (Dok JC2) saret il-komparazzjoni tad-DNA li nstab fuq dawn it-*tights* mad-DNA

tal-imputat. Hareg illi filwaqt illi DNA kien dak ta' ragel, meta gie kkomparat ma' dak tal-imputat ikkonkludiet li ***"ma jistax jigi eskluz li l-profil genetiku li hareg minn Dok JC2 jista' jkun ta' Victor Fenech (likelihood Ratio = 4.2 x 1017)"***.

Ikkunsidrat illi ma jidhirx illi hemm ombra ta' dubju li l-persuna li dahlet fl-ufficcju tat-tabib Carmel Brincat sabiex tisraq il-kartiera tieghu, kienet fil-fatt l-imputat u dan ghaliex kien gie maghruf mill-istess tabib, kif ukoll minn terzi persuni li kienu barra ezatt kif hareg l-imputat minn go dan l-ufficcju.

Illi jibqa' li tigi trattat punt sollevat mid-difiza u cioe` rigward l-idoneita` tal-mezzi adoperati mill-imputat. L-avukat difensur iccita fit-trattazzjoni tieghu is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) datata sitta (6) ta' Mejju elf disa' mija u sittin (1960) per Imhallef William Harding fil-kawza bl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Carmelo*** Busuttil fejn dan il-punt gie trattat.

Intqal illi:

> ***"It-tentattiv jista' jigi eskluz bl-inidoneita` assoluta tal-mezz adoperat u ghalhekk f'dan il-kaz kien eskluz "pro tanto" ghal dik il-kwantita' li tissupera 3.11 tunellati li kienet il-kapacita` massima tal-iskuna".***

Ugwalment is-sentenza ***Il-Pulizija v. Gregorio Attard*** (deciza erbatax (14) ta' Frar elf disa' mija, tnejn u sittin (1962); Qorti Appell Inferjuri per Imhallef Harding) intqal illi:

> ***"Huwa maghruf illi l-inidoneita` tal-mezzi adoperati biex jigi kommess serq tista' tkun assoluta u tista' tkun relattiva, u illi l-inidoneita` assoluta biss timpedixxi guridikament it-tentattiv ta' serq; u l-inidoneita` tibqa' relattiva, u ma ssirx assoluta, anki jekk il-mezzi wzati ma kienux kapaci li jikkonducu ghall-kommissjoni tad-delitt, kwante volte, pero` ma kienux hekk kapaci minhabba cirkostanzi eccezzjonali, u kemm-il darba dik il-konsummazzjoni, fin-nuqqas ta' dawk ic-cirkustanzi, jew fil-konkors ta' cirkustanzi ohra, setghet grat".***

Illi johrog car illi f'dan il-kaz ma nistghux nitkellmu fuq inidoneita` assoluta u dan ghaliex l-imputat libes kalzetta sabiex ma jintarafx peress illi kien jaf illi nies minn Hal-Qormi kienu jaghrfuh u hasibha sew ukoll billi jghatti dak l-oggett li kien qed izomm f'idejh u li skont it-tabib, kienet tixbah hafna arma tan-nar. Li kieku ma ghattiex dan l-oggett, certament kien ikun ovvju li dan l-oggett li kien mohbi ma kienx arma. Illi l-isfortuna ghall-imputat kien li il-vittma kienet persuna intelligenti bizzejjed li tirbah ftit zmien sabiex tikkonstata dak li kien qed jigri madwarha u ghalhekk is-serqa ma setghetx issehh.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 262(1), 263, 275, 277 (b), 49, 50, 31 issib lill-imputat **Victor Fenech** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah piena ta’ prigunerija ghal wiehed u ghoxrin (21) xahar.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**